## Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

## Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2001

Citazzjoni numru 1665/99 AJM

Kawza numru

Emanuel Hayman u martu Monica Hayman

Vs

Mary Caruana u zewgha Alfred, Emanuela Psaila u zewgha Andrew, William Hayman u martu Josephine, Josephine Ciantar u zewgha Alfred, Doris Hayman, Angela Montebello u zewgha Paul

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni presentata fid-19 ta' Lulju 1999 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi fl-24 ta' Novembru 1997 il-mejta Maria Carmela Hayman ghamlet testment fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino u bih wara li hasret it-testment tagha precedenti nnominat lill-konvenuti bhala

eredi universali taghha; illi dan it-testment sar taht pressjoni u kienet vizjata fil-kunsens u ma jirrapresentax l-ahhar volonta' tal-imsemmija aria Carmela Hayman; illi l-attur kien jibbenefika mit-testment precedenti tal-istess Maria Carmela Hayman; ghalhekk talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi illi t-testment tal-24 ta' Novembru 1997 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino huwa null u minghajr effett inkwantu l-kunsens ghalih kien vizzjat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' April 1999 kontra l-konvenuti li jibqghu mharrkin ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenuti Alfred Caruana et presentata fit-23 ta' Dicembru 1999 li permezz taghha eccepew:-

1. Illi huma ma ghandhomx locus standi fil-kawza stante li huma ma humiex l-eredi tal mejta Maria Carmela Hayman u ghaldaqstant ma humiex il-legittimi kuntradditturi u ghalhekk ghandhom jigu minnufih liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra l-atturi.
2. Illi l-attrici fi kwalukwe kazukoll m'ghandhiexlocus standi f'din il-kawza u kwindi qabel ma l-attur ikompli l-kawza fil-mertu,l-attrici ghandha ccedi l-kawza kwantu tirrigwarda lilha.
3. Fil-mertu t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien hemm ebda vizzju tal-kunsens kif allegat u kwindi t-testment in kwistjoni huwa validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-lig.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti imsemmija.

Rat in-nota tal-konvenuti Mary Caruana et presentata fit-23ta’ Dicembru 1999 li pemezz taghha eccepew:-

1. Illi l-attrici m’ghandhiex locus standi f’din il-kawza u kwindi qabel ma l-attur ikompli l-kaza fil-mertu,l-attrici ghandha ccedi l-kawza kwantu tirrigwarda lilha.
2. Fil-mertu t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien hemm ebda vizzju tal-kunsens kif allegat u kwindi t-testment in kwistjoni huwa validu ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti msemmija.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-1 ta’ Frar 2000 ta’ din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti sabiex tigi trattata u deciza.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tat-3 ta’ Novembru 2000 meta wara li d-difensuri tal-kontendenti rrimettew ruhhom ghall-atti tal-kawza, din giet differita ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti Alfred Caruana et.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Il-konvenuti Alfred Caruana et qed isostnu li huma ma ghandhomx interess f’dawn il-proceduri inkwantu ma humiex eredi tal-mejta Maria Carmela Hayman u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi b'testment tal-24 ta' Novembru 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino Maria Concetta Hayman filwaqt li hassret kull testment iehor li setghet ghamlet qabel dak inhar, innominat bhala eredi taghha fi kwoti indaqs bejniethom lill-sebgha minn ulieda u cioe l-konvenuti ahwa Hayman. Dawn il-proceduri qedin jittiehdu mill-atturi billi l-attur Emanuel Hayman, bhala wiehed minn ulied l-mejta Maria Concetta Hayman, ma issemiex fl-istituzzjoni ta' eredi u ghalhekk jinsab pregudikat b'dan il-fatt, apparti li bil kancellament tat-testment precedenti l-istess Emanuel Hayman tilef id-dritt ghal-legati remuneratori li kienu gew imhollija lilu bit-testmenti precdenti.

Il-konvenut Alfred Caruana et ma jissemmew imkien fit-testment fuq imsemmi. Inoltre dawn ma ghandhomx u lanqas jista' jkollhom xi drittijiet fuq l-assi ereditarju tal-mejta Maria Concetta Hayman hlief ghal dik il-parti li tispetta lill-konjugi taghhom qua eredi. Liema sehem fi kwalunkwe kaz jkun ta' natura parafernali. Proprjament dawn il-konvenuti ma ghandhomx interess dirett fil-mertu tal-kawza u jehtieg li jigu estromessi mill-kawza f'dan li stadju.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Alfred Caruana et u tillibera lill-istess Alfred Caruana, Andrew Psaila, Josephine Hayman, Alfred Ciantar, u Paul Montebello mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra l-atturi.

Onor Imhallef Albert J. Magri